**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

P8_TA(2019)0303

# Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (COM(2018)0372 – C8-0227/2018 – 2018/0197(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2021/C 108/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0372),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 177, 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0227/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits, il-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, kif ukoll il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0094/2019),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P8_TC1-COD(2018)0197**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-27 ta' Marzu 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 177, l-Artikolu 178 u l-Artikolu 349 tiegħu,

---

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 90.
([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 115.

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Artikolu 176 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jipprevedi li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR") huwa maħsub sabiex jgħin fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi reġjonali ewlenin li hemm fl-Unjoni. Skont dan l-Artikolu u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 174 TFUE, il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u għat-tnaqqis fir-ritard tal-iżvilupp tar-reġjuni l-anqas favoriti, li fosthom għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħar-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u gżejjer, reġjuni transfruntiera u reġjuni muntanjużi.

(2) Il-Fond ta' Koeżjoni kien stabbilit biex jikkontribwixxi għall-għan ġenerali ta' tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji fl-oqsma tal-ambjent u ta' netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport" ("TEN-T"), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(3) Ir-Regolament (UE) 2018/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [is-CPR ~~ġdid~~***il-ġdid***] ([5]) jistabbilixxi regoli komuni applikabbli għall-fondi differenti, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), il-Fond Soċjali Ewropew ("FSE+"), il-Fond ta' Koeżjoni ~~u l-Fond~~***, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ("FAEŻR"), il-Fond*** Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS"), il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni ("AMIF"), il-Fond għas-Sigurtà Interna ("FSI") u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viża" ("BMVI") li, joperaw taħt qafas komuni (il-"Fondi"). **[Em. 1]**

***(3a) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw il-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Soċjali (FSE+), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Agrikolu (FAEŻR), sabiex ikunu jistgħu jikkomplementaw lil xulxin meta dan ikun ta' benefiċċju għall-ħolqien ta' proġetti li jirnexxu.*** **[Em. 2]**

(4) Sabiex jiġu ssimplifikati r-regoli applikabbli kemm għall-FEŻR kif ukoll għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, jenħtieġ li r-Regolament jistabbilixxi regoli applikabbli li jkopru ż-żewġ fondi.

(5) Il-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif ~~stabbilit~~ ***stabbiliti*** fl-Artikolu 5 TUE, jenħtieġ li jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***. Jenħtieġ li l-Istati Membri ~~jirrispettaw ukoll l-obbligi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u jiżguraw l-aċċessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 9 tiegħu u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jarmonizzaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi~~ ***u l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi soċjali*** u ***tal-introjtu, jaħdmu iktar biex jiġġieldu l-faqar, jippreservaw u jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità bid-drittijiet.*** ~~Jenħtieġ~~ li ***jmorru magħhom*** ~~l-Istati Membri~~ u ~~l-Kummissjoni jimmiraw biex jeliminaw l-inugwaljanzi~~ u ***jiżguraw li l-FEŻR*** u ~~jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tintegra l-perspettiva tal-ġeneru, kif ukoll~~ ***l-Fond ta' Koeżjoni jippromwovu opportunitajiet ugwali għal kulħadd***, jikkumbattu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ~~ir-razza~~

---

([1]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 90.
([2]) ĠU C 86, 7.3.2019, p. 115.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Marzu 2019.
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).
([5]) [Referenza sħiħa — tas-CPR il-ġdid].

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

***l-oriġini razzjali*** jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ ***ukoll*** li ~~Il-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. Jenħtieġ li l-objettivi tal-FERŻ u l-Fond ta' Koeżjoni jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju li min iniġġes iħallas. Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, l-operazzjonijiet li jibbenefikaw l-impriżi għandhom jikkonformaw mar-regoli~~ ***l-Fondi jippromwovu t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali*** għal ***kura fil-familja u bbażata fil-komunità, b'mod partikolari għal dawk li jġarrbu diskriminazzjoni multipla. Jenħtieġ li l-Fondi ma jappoġġawx azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni. L-investimenti taħt il-FEŻR***, ***b'sinerġija mal-FSE+, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, u biex tiżdied il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini skont l-obbligi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u l-Konvenzjoni tan-NU*** dwar ~~l-għajnuna mill-Istat kif stabbiliti fl-Artikoli 107 u 108 TFUE~~ ***id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) biex jikkontribwixxu għad-drittijiet tat-tfal***. **[Em. 3]**

(6) Jeħtieġ li jiġu koperti dispożizzjonijiet għall-FEŻR għall-appoġġ tiegħu kemm għall-miri dwar Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi kif ukoll għall-miri tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) ("tal-ETC/Interreg").

(7) Sabiex jiġu identifikati t-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu appoġġati mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, l-objettivi ta' politika speċifiċi għall-għoti ta' appoġġ minn dawk il-fondi jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li jikkontribwixxu għal għan ta' politika komuni wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/xxx [CPR ġdid].

(8) F'dinja dejjem aktar interkonnessa u minħabba d-dinamiċi demografiċi u dawk ta' migrazzjoni, huwa ċar li l-politika tal-migrazzjoni ***interni u esterni*** tal-Unjoni tirrikjedi approċċ komuni li jserraħ fuq is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tal-istrumenti ta' finanzjament differenti. ***Il-FEŻR irid jagħti attenzjoni aktar speċifika lill-bidla demografika bħala sfida ewlenija u qasam ta' prijorità fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi.*** Sabiex jiġi żgurat appoġġ koerenti, b'saħħtu u konsistenti għas-solidarjetà u ~~l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà~~ ***għar-responsabbiltà kif ukoll għall-isforzi ta' kondiviżjoni*** bejn l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, ~~jenħtieġ li l-FEŻR jipprovdi appoġġ biex jiffaċilita~~ ***il-politika ta' koeżjoni tista' tikkontribwixxi għall-proċessi ta' integrazzjoni tar-rifuġjati u l-migranti taħt protezzjoni internazzjonali billi tadotta approċċ immirat lejn il-protezzjoni tad-dinjità u d-drittijiet tagħhom, mhux l-inqas fid-dawl tar-relazzjoni ta' tisħiħ reċiproku bejn***l-integrazzjoni ~~fit-tul tal-migranti~~ ***u t-tkabbir ekonomiku lokali, speċjalment billi tipprovdi appoġġ għall-infrastruttura lill-bliet u lill-awtoritajiet lokali involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni.*** **[Em. 4]**

(9) Sabiex jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u r-reġjuni ~~li qed jiffaċċjaw~~ ***biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp u jiġu armonizzati s-sitwazzjonijiet differenti tar-reġjuni tal-UE, jiġu indirizzati d-disparitajiet soċjali,*** sfidi ġodda u jiżgura ***soċjetajiet inklużivi u*** livell għoli ta' sigurtà ~~għaċ-ċittadini tagħhom~~ kif ukoll jipprevjeni ***l-marġinalizzazzjoni u*** r-radikalizzazzjoni, filwaqt li jiddependi fuq is-sinerġiji u komplementarjetajiet ma' politiki oħra tal-Unjoni, l-investimenti taħt il-FEŻR jenħtieġ li jikkontribwixxu ~~għas-sigurtà~~ f'żoni fejn ikun hemm il-ħtieġa li jiġu żgurati spazji pubbliċi ***u infrastruttura kritika*** sikuri***, moderni, aċċessibbli*** u siguri***, bħall-komunikazzjoni, it-trasport pubbliku, l-enerġija*** u ***servizzi pubbliċi universali u ta' kwalità għolja li huma vitali biex jindirizzaw id-disparitajiet reġjonali u soċjali***, ***jippromwovu l-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp reġjonali*** u ~~infrastruttura kritika, bħalma huma t-trasport u l-enerġija~~ ***jinkoraġġixxu l-impriżi u n-nies biex jibqgħu fiż-żona lokali tagħhom***. **[Em. 5]**

(10) Barra minn hekk, l-investimenti taħt il-FEŻR jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' netwerk ta' infrastruttura diġitali b'veloċità għolja ***u komprensiv***, ***fl-Unjoni kollha, inkluż f'żoni rurali fejn huwa kontributur vitali għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)*** ~~komprensiv~~, u ~~l-promozzjoni~~ ***għall-promozzjoni*** tal-mobbiltà ~~urbana~~ multimodali sostenibbli u ~~nadifa~~ ***mingħajr tniġġis b'konċentrazzjoni fuq il-mixi, iċ-ċikliżmu, it-trasport pubbliku u l-mobbiltà kondiviża***. **[Em. 6]**

***(10a) Ħafna mill-akbar sfidi fl-Ewropa qed jaffettwaw dejjem aktar lill-komunitajiet Rom emarġinati, li ta' spiss jgħixu fil-mikroreġjuni l-aktar żvantaġġati li huma neqsin minn ilma tax-xorb sikur u aċċessibbli, drenaġġ, elettriku u li ma jgawdux minn possibbiltajiet ta' trasport, konnettività diġitali, sistemi ta' enerġija rinnovabbli***

***jew reżiljenza f'każ ta' diżastru. Għalhekk, il-FEŻR-FK irid jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Rom u jissodisfa l-potenzjal reali tagħhom bħala ċittadini tal-UE u l-Istati Membri jridu jissalvagwardjaw li l-benefiċċji tal-ħames objettivi ta' politika tal-FEŻR-FK se jilħqu lir-Rom ukoll.*** **[Em. 7]**

(11) Minħabba l-għan ġenerali tal-Fond ta' Koeżjoni previst fit-TFUE, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti u limitati l-għanijiet speċifiċi li l-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jappoġġa.

(12) Sabiex ~~titjieb il-kapaċità~~ ***jikkontribwixxu għal governanza xierqa, infurzar, kooperazzjoni transfruntiera u t-tixrid tal-aħjar prattiki u innovazzjonijiet fil-qasam tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u l-ekonomija ċirkolari, itejbu l-kapaċità*** amministrattiva ġenerali tal-istituzzjonijiet u l-governanza fl-Istati Membri ~~għall-implimentazzjoni ta' programmi~~***, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali fuq il-prinċipji tal-governanza f'diversi livelli, l-implimentazzjoni tal-programmi*** taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, huwa meħtieġ li ~~jkun hemm~~ ***jiġu promossi*** miżuri ta' ~~appoġġ taħt l-objettivi~~ ***tisħiħ amministrattiv ta' natura strutturali b'appoġġ għall-objettivi*** speċifiċi kollha. ***Billi huma bbażati fuq objettivi li jistgħu jitkejlu u huma notifikati liċ-ċittadini u lin-negozji bħala mezz ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv impost fuq il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, huwa possibbli li dawn il-miżuri jilħqu l-bilanċ ideali bejn l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-politika u l-livell ta' verifiki u kontrolli.*** **[Em. 8]**

(13) Sabiex titħeġġeġ u tingħata spinta lill-kooperazzjoni, fil-programmi implimentati taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, huwa meħtieġ li jittejbu l-miżuri ta' kooperazzjoni ~~ma' sħab~~ ***mas-sħab, inklużi dawk fil-livell lokali u reġjonali*** fi Stat Membru jew bejn Stati Membri differenti fir-rigward ta' ~~sostenn~~ ***appoġġ*** ipprovdut taħt l-objettivi speċifiċi kollha. Din il-kooperazzjoni hija addizzjonali għall-kooperazzjoni taħt l-ETC / Interreg u b'mod partikolari jenħtieġ li tappoġġa l-kooperazzjoni fost sħubiji strutturati bil-ħsieb li jiġu implimentati strateġiji reġjonali kif imsemmi fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "It-tisħiħ tal-innovazzjoni fir-reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli" [6]. ~~L-imsieħba~~ ***Is-sħab*** jistgħu għalhekk jiġu minn ~~kull~~ ***kwalunkwe*** reġjun fl-Unjoni, iżda jistgħu jinkludu wkoll reġjuni transfruntiera u reġjuni li huma kollha koperti minn ***Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali,*** strateġija makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar jew ~~kombinazzjoni~~ ***kombinament*** tat-tnejn. **[Em. 9]**

***(13a) Il-politika ta' koeżjoni futura tista' tikkunsidra b'mod adegwat u tipprovdi appoġġ għar-reġjuni tal-Unjoni li huma l-aktar milquta mill-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, b'mod partikolari dawk li, b'riżultat ta' dan, se jsibu ruħhom fuq il-fruntiera esterna tal-baħar jew tal-art tal-Unjoni;*** **[Em. 10]**

(14) ~~Filwaqt~~ ***L-objettivi tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari l-importanza kbira tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU kif ukoll il-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas kif ukoll l-iffukar fuq il-faqar, l-inugwaljanza u tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija soċjalment u ambjentalment sostenibbli f'approċċ parteċipattiv f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab ekonomiċi u soċjali, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti. Filwaqt*** li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima ~~skont l-impenji~~ ***u telfien tal-bijodiversità sabiex isir kontribut għal finanzjament tal-azzjonijiet meħtieġa li jridu jittieħdu fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali biex jissodisfaw, f'konformità mal-impenji***tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, ***kif ukoll biex tiggarantixxi interventi integrati għall-prevenzjoni tad-diżastri, billi torbot ir-reżiljenza u l-prevenzjoni tar-riskji, il-preparazzjoni u l-azzjonijiet ta' reazzjoni,*** il-Fondi se jikkontribwixxu biex jintegraw azzjonijiet klimatiċi u ~~għall-kisba ta' mira ġenerali ta'~~ ***l-protezzjoni tal-bijodiversità billi tiġi mmirata*** 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-UE li ~~jappoġġaw~~ ***tappoġġa*** l-objettivi tal-klima. ***Il-Fondi jridu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari u ħielsa mill-karbonju fit-territorji kollha tal-Unjoni u l-inkorporazzjoni sħiħa tad-dimensjoni reġjonali.*** L-operazzjonijiet taħt il-FEŻR ~~huma mistennija~~ ***jenħtieġ*** li jikkontribwixxu għal ~~30~~ ***mill-inqas 35*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-FEŻR għall-objettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-Fond

---

[6] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġuni tat-8 ta' Lulju 2017 (COM(2015)0376).

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu għal ~~37~~***40*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Fond ta' Koeżjoni għall-objettivi tal-klima. ***Dawn il-perċentwali jenħtieġ li jiġu rispettati matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Għalhekk, l-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi, u jiġu valutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċeduri ta' rieżami rilevanti. Dawn l-azzjonijiet u l-allokazzjoni finanzjarja riżervata għall-implimentazzjoni tagħhom iridu jiġu inklużi fil-Pjanijiet Integrati nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] kif ukoll l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fuq terminu twil stabbilita skont id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini (UE) 2018/844 riveduta biex tikkontribwixxi għall-kisba ta' stokk tal-bini dekarbonizzat sal-2050, u meħmuża mal-Programmi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika liż-żoni intensivi fl-użu tal-karbonju li jiffaċċjaw sfidi minħabba l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni, bil-għan li jiġu megħjuna jsegwu strateġiji konsistenti mal-impenn klimatiku tal-Unjoni u stabbiliti fi Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima u skont id-Direttiva ETS 2018/410 u biex jiġu protetti l-ħaddiema anki permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid.*** **[Em. 11]**

(15) Sabiex il-FEŻR jipprovdi appoġġ taħt l-ETC / Interreg f'termini kemm ta' investimenti fl-infrastruttura kif ukoll l-investimenti u l-attivitajiet ta' taħriġ u ta' integrazzjoni assoċjati, ***sabiex jittejbu u jiġu żviluppati l-ħiliet u l-kompetenzi amministrattivi,*** jeħtieġ li ~~jkun hemm provvediment~~ ***jiġi previst*** li~~, il-FEŻR~~ ***l-FEŻR***jista' wkoll jipprovdi appoġġ għal attivitajiet taħt l-objettivi speċifiċi tal-FSE +, stabbilit ~~bir-Regolament~~ ***mir-Regolament*** (UE) 2018/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ESF+ ġdid] ([7]). **[Em. 12]**

(16) Sabiex jiġi konċentrat l-użu ta' riżorsi limitati bl-aktar mod effiċjenti, l-appoġġ mogħti mill-FEŻR għal investimenti produttivi taħt għan rilevanti speċifiku, jenħtieġ li jkun ~~limitat~~ ***dirett*** biss għal intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") fis-sens tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([8]), ~~ħlief fejn l-investimenti jinvolvu kooperazzjoni ma' SMEs f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni~~***u għal intrapriżi apparti l-SMEs, mingħajr preġudizzju għall-impjiegi relatati mal-istess attività jew*** ma' ***attività simili f'reġjuni oħra tal-Ewropa, fit-tifsira tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) …/…[is-CPR il-ġdid]***. **[Em. 190/rev1]**

(17) Jenħtieġ li l-FEŻR jgħin sabiex jitnaqqsu ~~l-iskwilibriji~~ ***l-iżbilanċi*** reġjonali prinċipali fl-Unjoni u biex jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u dawk ir-reġjuni li l-aktar għadhom lura u li huma anqas favoriti, inklużi dawk li qed ~~jaffaċċjaw~~ ***jiffaċċjaw*** sfidi minħabba l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni ***permezz tal-appoġġ finanzjarju għall-perjodu tranżitorju***. Jenħtieġ li ***jinkoraġġixxi wkoll ir-reżiljenza u jipprevjeni li t-territorji vulnerabbli jaqgħu lura***. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-FEŻR taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi għalhekk jiġi kkonċentrat fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi tal-politika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/xxx [~~CPR~~***is-CPR*** il-ġdid]. Jenħtieġ li għalhekk l-appoġġ mill-FEŻR jikkonċentra ***speċifikament*** fuq ~~l-objettivi~~ ***iż-żewġ objettivi*** ta' politika ta' "Ewropa intelliġenti billi jippromwovi ***l-iżvilupp u*** t-trasformazzjoni ekonomika, ***innovattiva,*** intelliġenti u ~~innovattiva"~~ ***inklużiva, il-konnettività reġjonali fil-qasam tat-teknoloġiji, l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), il-konnettività u amministrazzjoni pubblika effiċjenti"*** u "Ewropa ekoloġika, ***reżiljenti u*** b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju ***għal kulħadd*** permezz tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiku u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju" ***filwaqt li jitqiesu l-objettivi ta' politika ġenerali ta' Ewropa aktar koeżiva u bbażata fuq is-solidarjetà li tgħin biex jitnaqqsu l-asimetriji ekonomiċi, soċjali u territorjali***. Jenħtieġ li ~~din il-konċentrazzjoni~~ ***tali konċentrazzjoni*** tematika tintlaħaq fuq livell nazzjonali filwaqt li tippermetti ***marġini ta'*** flessibbiltà fil-livell ~~tal-programmi~~ ***ta' programmi*** individwali u bejn ~~tliet gruppi ta' Stati Membri ffurmati skont id-dħul nazzjonali gross rispettiv~~ ***il-kategoriji differenti tar-reġjuni, filwaqt li jitqiesu l-livelli differenti ta' żvilupp***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-metodoloġija biex tikklassifika ~~lill-Istati Membri~~ ***r-reġjuni*** tiġi stabbilita bir-reqqa b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ~~l-aktar imbiegħda~~ ***ultraperiferiċi***. **[Em. 14]**

---

([7]) [Referenza sħiħa — ESF+ il-ġdid].

([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

*(17a)* ***Sabiex tiġi żgurata l-importanza strateġika tal-investimenti kofinanzjati mill-FEŻR u mill-FK, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu talba debitament ġustifikata għal aktar flessibbiltà fil-qafas attwali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għan-nefqa pubblika jew strutturali ekwivalenti.*** **[Em. 15]**

(18) Sabiex jikkonċentra l-appoġġ fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni, ***u f'konformità mal-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali stabbiliti fl-Artikolu 174 TFUE u l-objettivi ta' politika stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/xxx [is-CPR il-ġdid],*** huwa wkoll xieraq li rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jiġu rispettati matul il-perjodu ta' programmar, inkluż fil-każ ta' trasferiment bejn il-prijoritajiet fi programm jew bejn il-programmi. **[Em. 16]**

*(18a)* ***Il-FEŻR jenħtieġ li jindirizza l-problemi ta' aċċessibbiltà għas-swieq il-kbar u d-distanza kbira minnhom, li dawk iż-żoni b'densità ta' popolazzjoni estremament baxxa qegħdin jiffaċċaw, kif imsemmi fil-Protokoll Nru 6 dwar dispożizzjonjiet speċjali għall-Objettiv 6 fil-qafas tal-Fondi Strutturali fil-Finlandja u fl-Iżvezja għall-Att tal-Adeżjoni tal-1994. Il-FEŻR jenħtieġ li jindirizza wkoll id-diffikultajiet speċifiċi li jiffaċċaw ċerti gżejjer, reġjuni mal-fruntieri, reġjuni muntanjużi, u żoni b'popolazzjoni baxxa, li s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom tnaqqas il-pass tal-iżvilupp tagħhom, bil-għan li jiġi appoġġat l-iżvilupp sostenibbli tagħhom.*** **[Em. 17]**

(19) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi tipi differenti ta' attivitajiet li l-ispejjeż tagħhom jistgħu jkunu appoġġati permezz ta' investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, taħt l-objettivi rispettivi tagħhom kif stabbiliti mit-TFUE ***inkluż il-crowdfunding***. Jenħtieġ li l-Fond ta' Koeżjoni jkun jista' jappoġġa investimenti fl-ambjent u fit-TEN-T. Fir-rigward ~~tal-ERDF~~***tal-FEŻR***, jenħtieġ li l-lista ta' attivitajiet ***tqis il-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali speċifiċi kif ukoll il-potenzjal endoġenu u*** tkun ~~issimplifikata~~ ***simplifikata*** u jenħtieġ li tkun kapaċi tappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura ***inklużi l-infrastruttura u faċilitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, infrastruttura kulturali u patrimonjali, infrastruttura tat-turiżmu sostenibbli wkoll permezz ta' distretti turistiċi, servizzi għall-impriżi, kif ukoll investimenti fis-settur tal-abitazzjoni***, investimenti fir-rigward ta' aċċess għal servizzi ***b'konċentrazzjoni partikolari fuq komunitajiet żvantaġġati, emarġinati u segregati***, investimenti produttivi fl-SMEs, tagħmir, softwer u assi intanġibbli, ***inċentivi matul il-perjodu ta' tranżizzjoni tar-reġjuni fil-proċess ta' dekarbonizzazzjoni,*** kif ukoll miżuri fir-rigward ta' informazzjoni, komunikazzjoni, studji, netwerking, kooperazzjoni, skambju ta' esperjenzi ***bejn is-sħab*** u attivitajiet li jinvolvu gruppi. Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' programm, jenħtieġ li ż-żewġ fondi jkunu kapaċi wkoll ~~li~~ jappoġġaw attivitajiet ta' assistenza teknika. Fl-aħħar nett, sabiex ~~jipprovdi għal~~ ***jipprevedi*** firxa aktar wiesgħa ta' interventi ~~għal programmi~~ ***għall-programmi*** Interreg, jenħtieġ li l-ambitu jitwessa' biex jinkludi wkoll il-kondiviżjoni ta' firxa wiesgħa ta' faċilitajiet u riżorsi umani u l-ispejjeż marbuta ma' miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+. **[Em. 18]**

(20) Proġetti ta' netwerks trans-Ewropej ta' ~~transport~~ ***trasport*** skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 għandhom ikomplu jiġu ffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni***, inkluż l-indirizzar tal-lakuni u l-konġestjoni, b'mod ibbilanċjat kif ukoll li jinkludi t-titjib tas-sikurezza tal-pontijiet u l-mini eżistenti*** kemm permezz ta' ġestjoni kondiviża kif ukoll il-modalità ta' implimentazzjoni diretta taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (is-"CEF – Connecting Europe Facility"). ***Dawn in-netwerks iridu jagħtu spinta lis-servizzi pubbliċi fiż-żoni rurali, speċjalment f'żoni b'popolazzjoni baxxa u f'żoni b'tixjiħ demografiku qawwi, sabiex titrawwem l-interkonnettività bejn il-bliet u l-kampanja, jiġi promoss l-iżvilupp rurali, jitnaqqas id-distakk diġitali.*** **[Em. 19]**

(21) Fl-istess ħin, huwa importanti li ***min-naħa waħda jiġu identifikati sinerġiji u min-naħa l-oħra*** jiġi ċċarat ~~li~~ ***liema huma*** dawk l-attivitajiet li jaqgħu barra l-ambitu tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni~~, inklużi l-investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis ta' emissjonijiet~~ ***dan sabiex jinkisbu l-effetti*** ta' ~~gassijiet b'effett ta' serra mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (9)~~ ~~sabiex~~ ***multiplikazzjoni jew*** ikun evitat l-irduppjar tal-finanzjament disponibbli~~, li diġà jeżisti bħala parti minn din id-Direttiva~~. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit b'mod espliċitu li l-pajjiżi u t-territorji ~~ekstra-Ewropej~~ ***extra-Ewropej*** elenkati fl-Anness II ~~tat-TFUE~~ ***għat-TFUE*** mhumiex eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR u ~~l-Fond~~***mill-Fond*** ta' Koeżjoni. **[Em. 20]**

~~(9) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).~~

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

(22) Jenħtieġ li l-Istati Membri regolarment jibagħtu lill-Kummissjoni tagħrif dwar il-progress li jsir bl-użu ta' indikaturi tal-output u tar-riżultati komuni stabbiliti fl-Anness I. Indikaturi tal-output u tar-riżultati komuni jistgħu jiġu kkomplementati, fejn meħtieġ, minn indikaturi ta' output u indikaturi tar-riżultati speċifiċi għall-programm. Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri tkun il-bażi li fuqha l-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba ta' għanijiet speċifiċi matul il-perjodu kollu ta' programmar u għal dan il-għan jintużaw sett ewlieni ta' indikaturi stabbiliti fl-Anness II.

(23) Skont ~~il-paragrafu~~ ***il-paragrafi*** 22 u 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, hemm il-ħtieġa li jiġu evalwati l-Fondi fuq il-bażi ta' tagħrif miġbur permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi~~, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri~~. Dawn ir-rekwiżiti, ~~fejn~~ ***meta jkun*** xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Fondi ~~b'mod prattiku~~ ***fil-prattika***. **[Em. 21]**

(24) Sabiex tiġi massimizzata l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp territorjali, ~~azzjonijiet~~ ***u sabiex jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv l-isfidi ekonomiċi, demografiċi, ambjentali u soċjali, kif previst fl-Artikolu 174 TFUE, f'żoni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi inkluż it-tixjiħ, id-deżertifikazzjoni rurali u t-tnaqqis demografiku, iżda wkoll il-pressjoni demografika jew fejn ikun diffiċli li wieħed ikollu aċċess għal servizzi bażiċi, l-azzjonijiet*** f'dan il-qasam jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ***programmi, assi jew*** strateġiji territorjali integrati ~~inkluż fiż-żoni~~***, inklużi żoni*** urbani ***u komunitajiet rurali. Dawn l-azzjonijiet jenħtieġ li jkunu ż-żewġ naħat tal-istess munita, ibbażati kemm fuq il-hubs urbani ċentrali u l-madwar tagħhom kif ukoll fuq iż-żoni rurali l-aktar remoti. Dawn l-istrateġiji jistgħu jibbenefikaw ukoll minn approċċ plurifond u integrat li jinvolvi l-FEŻR, l-FSE +, il-FEMS u l-FAEŻR. Mira ta' mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FEŻR jenħtieġ li jiġu allokati fuq livell nazzjonali għal żvilupp territorjali integrat.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-appoġġ ~~mill-FEŻR~~ jitwassal ~~permezz tal-formoli stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [CPR il-ġdid] biex ikun~~ ***waqt li jkun*** żgurat l-involviment xieraq tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u urbani***, is-sħab ekonomiċi u soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi***. **[Em. 22]**

***(24a) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika liż-żoni intensivi fl-użu tal-karbonju li jiffaċċjaw l-isfidi minħabba l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni, bil-għan li jiġu megħjuna jsegwu strateġiji konsistenti mal-impenn klimatiku tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi li jipproteġu lill-ħaddiema u lill-komunitajiet affettwati bl-istess mod. Jenħtieġ li tali żoni jibbenefikaw minn appoġġ dedikat għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom filwaqt li titqies il-ħtieġa għal taħriġ vokazzjonali mmirat u opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid għall-forza tax-xogħol.*** **[Em. 23]**

(25) Fil-qafas tal-iżvilupp urban sostenibbli, huwa kkunsidrat neċessarju li jiġu megħjun l-iżvilupp territorjali integrat sabiex jingħelbu ***b'mod aktar effettiv*** l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi***, teknoloġiċi, soċjali*** u ~~soċjali~~ ***kulturali*** li jaffettwaw iż-żoni urbani, inklużi ż-żoni urbani funzjonali ***u l-komunitajiet rurali***, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu promossi rabtiet bejn iż-żoni urbani u dawk rurali***, inklużi ż-żoni periurbani meta jkun xieraq***. Il-prinċipji għall-għażla ta' żoni urbani li għalihom ~~għandhom~~ ***iridu*** jiġu implimentati azzjonijiet integrati għal żvilupp urban sostenibbli, u l-ammonti indikattivi għal dawk l-azzjonijiet, jenħtieġ li jkunu stabbiliti fil-programmi taħt il-mira għall-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ~~b'minimu~~ ***Dawn l-azzjonijiet jistgħu jibbenefikaw ukoll minn approċċ plurifond u integrat li jinvolvi l-FEŻR, l-FSE+, il-FEMS u l-FAEŻR. Mira*** ta' ***mill-inqas*** ~~6~~ ***10***% tar-riżorsi tal-FEŻR ***jenħtieġ li jiġu*** allokati ~~fil-livell~~ ***fuq livell*** nazzjonali ~~għal dan il-għan~~ ***għall-prijorità tal-iżvilupp urban sostenibbli***. Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll li dan ~~il-perċentwal għand~~ ***il-perċentwali jenħtieġ li*** jiġi ~~rispettati~~ ***rispettat*** matul il-perjodu ta' programmazzjoni f'każ ta' trasferiment bejn il-prijoritajiet fi programm jew bejn il-programmi, ~~inklużi fir-reviżjoni~~ ***inkluż fir-rieżami*** ta' nofs it-terminu. **[Em. 24]**

(26) Sabiex jiġu identifikati jew ivvalutati soluzzjonijiet li jindirizzaw kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp urban sostenibbli, fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Azzjonijiet Innovattivi Urbani fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli ***jitkomplew u*** jiġu ~~sostitwiti bl-Inizjattiva~~ ***żviluppati f'Inizjattiva*** Urbana Ewropea ***Jenħtieġ li dik l-inizjattiva tappoġġa l-Aġenda Urbana tal-Unjoni Ewropea***[1] ***bil-għan li tistimola t-tkabbir, il-kwalità tal-ħajja u l-innovazzjoni***~~, u għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta. Jenħtieġ lin di l-inizjattiva tkopri ż-żoni urbani kollha~~ u ~~tappoġġa l-Aġenda Urbana għall-Unjoni Ewropea~~ ***tidentifika u tindirizza l-isfidi soċjali b'suċċess*** ([10]). **[Em. 25]**

([10]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Aġenda Urbana tal-UE tal-24 ta' Ġunju 2016.

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

(27) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lir-reġjuni ~~l-aktar imbiegħda~~ ***ultraperiferiċi***, jiġifieri permezz tal-adozzjoni ta' miżuri taħt l-Artikolu 349 TFUE li ~~jipprovdi għal~~ ***jipprevedi*** allokazzjoni addizzjonali għar-reġjuni ~~l-aktar imbiegħda~~ ***ultraperiferiċi*** biex tpatti għall-ispejjeż addizzjonali ~~li dawn~~ ***mġarrba f'dawn*** ir-reġjuni bħala riżultat ta' restrizzjoni/~~jiet~~ permanenti ***waħda jew bosta*** msemmija fl-Artikolu 349 TFUE, jiġifieri d-distanza, l-insularità, iċ-ċokon, it-topografija u l-klima diffiċli, id-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, il-permanenza u ~~l-kombinazzjoni~~ ***l-kombinament*** tagħhom li tillimita b'mod sever l-iżvilupp tagħhom. Din l-allokazzjoni tista' tkopri investimenti, spejjeż operattivi u obbligi ta' servizz pubbliku bil-għan li tibbilanċja l-ispejjeż addizzjonali kkawżati minn restrizzjonijiet bħal dawn. L-għajnuna operattiva tista' tkopri n-nefqa fuq is-servizzi ta' ġarr ta' merkanzija***, il-loġistika ekoloġika, il-ġestjoni tal-mobbiltà*** u l-għajnuna sabiex jinbdew servizzi tat-trasport kif ukoll l-ispiża fuq l-operazzjonijiet marbutin ma' restrizzjonijiet ta' ħażna, ta' daqs eċċessiv u tal-manutenzjoni ta' għodod tal-produzzjoni, u man-nuqqas ta' kapital uman fis-suq tax-xogħol lokali. ***Din l-allokazzjoni ma tridx tkun soġġetta għall-konċentrazzjoni tematika prevista f'dan ir-Regolament.*** Sabiex tiġi protetta l-integrità tas-suq intern, u kif huwa l-każ għall-operazzjonijiet kollha kofinanzjati mill-FEŻR u ~~l-Fond~~ ***mill-Fond*** ta' Koeżjoni, kull appoġġ tal-FEŻR għall-finanzjament tal-għajnuna operattiva u ta' investiment fir-reġjuni ~~l-aktar imbiegħda~~ ***ultraperiferiċi*** jenħtieġ li jikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif stabbiliti fl-Artikoli 107 u 108 TFUE. **[Em. 26]**

(28) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tkun iddelegata lill-Kummissjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru aġġustamenti, fejn ikun iġġustifikat, fl-Anness II li jistabbilixxi l-lista ta' indikaturi użati bħala bażi biex tipprovdi informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-programmi. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([11]). B'mod partikolari, biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom sistematikament aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati.

(29) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jiġu rimedjati l-iżbilanċi reġjonali prinċipali fl-Unjoni ***permezz ta' approċċ orjentat lejn iċ-ċittadini li huwa mmirat lejn l-appoġġ ta' żvilupp immexxi mill-komunità u t-trawwim ta' ċittadinanza attiva***, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri, imma pjuttost jista', minħabba l-livell ta' disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard tar-reġjuni l-inqas favoriti u l-limitazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri u r-reġjuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv, **[Em. 27]**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## Dispożizzjonijiet komuni

### Artikolu 1

### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-għanijiet speċifiċi u l-ambitu tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-"FEŻR") fir-rigward tal-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) imsemmija fl-Artikolu [4(2)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [CPR il-ġdid].

([11]) Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-għanijiet speċifiċi u l-ambitu tal-appoġġ mill-Fond Ewropew fir-rigward tal-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi ("l-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi") imsemmi fil-[punt (a) tal-Artikolu 4(2)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [CPR il-ġdid].

***Artikolu 1a***

***Il-kompiti tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni***

***Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni.***

***Il-FEŻR għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni fl-Unjoni, u għat-tnaqqis tar-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti, inklużi l-isfidi ambjentali, permezz tal-iżvilupp sostenibbli u l-aġġustament strutturali tal-ekonomiji reġjonali.***

***Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jikkontribwixxi għall-proġetti fil-qasam tan-networks trans-Ewropej u l-ambjent.*** **[Em. 28]**

Artikolu 2

Objettivi speċifiċi għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni

1. F'konformità mal-objettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid], il-FEŻR għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) "Ewropa ~~iktar~~ ***aktar*** intelliġenti permezz tal-promozzjoni ta' ***żvilupp u*** trasformazzjoni ekonomika ~~innovattiva~~ ***innovattivi, intelliġenti*** u ~~intelliġenti~~***inklużivi, il-konnettività reġjonali fil-qasam tat-teknoloġiji, l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), il-konnettività u l-amministrazzjoni pubblika effiċjenti***" ("PO 1") permezz: **[Em. 29]**

(i) ~~tat-tisħiħ~~ ***tal-appoġġ għall-iżvilupp u t-tisħiħ*** tal-kapaċitajiet ~~fir-riċerka~~ ***ta' riċerka*** u ~~l-innovazzjoni~~ ***innovazzjoni, l-investimenti*** u ***l-infrastruttura,*** l-użu ta' teknoloġiji avvanzati ***u l-appoġġ u l-promozzjoni tar-raggruppamenti għall-innovazzjoni bejn in-negozji, ir-riċerka, l-akkademja u l-awtoritajiet pubbliċi***; **[Em. 30]**

(ii) ~~tat-tehid~~ ***tat-tisħiħ tal-konnettività diġitali u l-ksib*** tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini, ***l-istabbilimenti xjentifiċi,*** il-kumpaniji, ***il-gvernijiet*** u ~~l-gvernijiet~~***l-amministrazzjoni pubblika fil-livell reġjonali u lokali inklużi bliet intelliġenti u rħula intelliġenti***; **[Em. 31]**

(iii) ~~tat-tijib~~ ***tat-titjib*** tat-tkabbir u l-kompetittività ***sostenibbli*** tal-SMEs ***u tal-għoti ta' appoġġ għall-ħolqien u s-salvagwardja tal-impjiegi u l-appoġġ għat-titjib teknoloġiku u l-modernizzazzjoni***; **[Em. 32]**

(iv) ~~l-iżvilupp~~ ***tal-iżvilupp*** ta' ħiliet ~~għal speċjalizzazzjoni~~ ***u strateġiji, u tal-bini ta' kapaċitajiet għall-ispeċjalizzazzjoni*** intelliġenti, ~~tranżizzjoni industrijali~~ ***it-tranżizzjoni ġusta, l-ekonomija ċirkolari, l-innovazzjoni soċjali, l-intraprenditorija, is-settur tat-turiżmu*** u ~~l-intraprenditorija~~ ***t-tranżizzjoni għall-industrija 4.0***; **[Em. 33]**

(b) "~~ekonomija~~ ***Ewropa*** aktar ekoloġika ~~Ewropa li ftit li xejn tipproduċi karbonju~~ ***u reżiljenti għal kulħadd***, ***b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju*** billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ~~ekoloġiċi~~ ***ekoloġiku*** u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ('PO 2') permezz**":** **[Em. 34]**

(i) tal-promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza ***u ffrankar enerġetiċi u tal-prekarjetà*** enerġetika; **[Em. 35]**

(ii) tal-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli ***sostenibbli***; **[Em. 36]**

(iii) tal-iżvilupp ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti, grids u ħażna ~~fil-livell lokali~~; **[Em. 37]**

(iv) tal-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni ~~tar-riskji~~ ***tar-riskju, il-ġestjoni ta' avvenimenti estremi tat-temp u tad-diżastri naturali inklużi t-terremoti, in-nirien tal-foresti, l-għargħar u n-nixfa*** u r-reżiljenza ~~għad-diżastri~~ ***għalihom, filwaqt li jitqiesu l-approċċi bbażati fuq l-ekosistemi***; **[Em. 38]**

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

(v) tal-promozzjoni ***tal-aċċess universali għall-ilma u*** tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma; **[Em. 39]**

(vi) tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ***u tat-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi***; **[Em. 40]**

***(via) tal-appoġġ tal-proċessi ta' trasformazzjoni reġjonali lejn id-dekarbonizzazzjoni kif ukoll it-tranżizzjoni lejn il-ġenerazzjoni ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju*** **[Em. 41]**

(vii) ~~tat-tisħiħ~~ ***tal-protezzjoni u t-tisħiħ*** tal-bijodiversità, ~~l-infrastruttura ekoloġika fl-ambjent urban~~ ***u l-wirt naturali, il-preservazzjoni u l-enfasizzar ta' żoni naturali protetti, ir-riżorsi naturali*** u t-tnaqqis ***ta' kull forma ta' tniġġis bħal tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija, tal-istorbju u*** tat-tniġġis ***tad-dawl***; **[Em. 42]**

***(viia) tat-titjib tal-infrastruttura ekoloġika f'żoni urbani funzjonali, tal-iżvilupp ta' mobbiltà urbana multimodali fuq skala żgħira bħala parti minn ekonomija b'emissjonijiet żero netti;*** **[Em. 43]**

(c) "Ewropa ~~iktar~~ ***aktar*** konnessa ~~permezz tat-titjib tal-mobilità u l-konnettività tal-ICT reġjonali~~***għal kulħadd permezz tat-titjib tal-mobbiltà***" ("PO 3") permezz: **[Em. 44]**

~~(i)~~ ~~tat-titjib tal-konnettività diġitali;~~ **[Em. 45]** *(Din l-emenda se tirrikjedi aġġustamenti konsegwenzjali fl-Anness I u fl-Anness II)*

(ii) tal-iżvilupp ~~sostenibbli,~~ ***ta' TEN-T intermodali*** reżiljenti ~~għat-tibdil fil-klima~~ ***għall-klima, intelliġenti***, sigur, ~~intelliġenti~~ ***u b'konnessjonijiet bit-triq u ferrovjarji u konnessjonijiet transfruntiera li jiffokaw fuq miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju***, ***trasport pubbliku*** u ~~intermodali tat-TEN-T~~ ***netwerks ferrovjarji li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent***; **[Em. 46]**

(iii) tal-iżvilupp ta' mobbiltà nazzjonali, reġjonali u lokali, sostenibbli, reżiljenti għall-klima, intelliġenti u intermodali, inkluż aċċess imtejjeb għat-TEN-T u ~~l-mobilità transfruntiera~~***, il-mobbiltà transfruntiera*** u ***netwerks tat-trasport pubbliku li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent***; **[Em. 47]**

~~(iv)~~ ~~tal-promozzjni tal-mobbiltà urbana multimodali sostenibbli;~~ **[Em. 48]** *(Din l-emenda se tirrikjedi aġġustamenti konsegwenzjali fl-Anness I u fl-Anness II)*

(d) "Ewropa aktar soċjali ~~bl-implimentazzjoni tal-Pilastru~~ ***u inklużiva li timplimenta l-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" ("PO 4") billi: **[Em. 49]**

(i) jissaħħu l-effettività ***u l-inklużività*** tas-swieq tax-xogħol u l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità ***għolja*** permezz tal-iżvilupp tal-innovazzjoni ***u l-infrastruttura*** soċjali u ~~l-infrastruttura~~ ***l-promozzjoni tal-ekonomija u l-innovazzjoni soċjali***; **[Em. 50]**

(ii) jittejjeb l-aċċess ***ugwali*** għal servizzi ta' kwalità u inklużivi fl-edukazzjoni, ~~it-taħriġ~~ ***fit-taħriġ*** u ~~t-tagħlim~~ ***fit-tagħlim*** tul il-ħajja ***u l-isport*** permezz tal-iżvilupp fl-infrastruttura ***u s-servizzi aċċessibbli***; **[Em. 51]**

***(iia) investiment fis-settur tal-abitazzjoni, meta l-bini jkun il-proprjetà ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' operaturi mingħajr skop ta' profitt għal użu bħala abitazzjoni maħsub għal familji bi dħul baxx jew għal persuni bi bżonnijiet speċjali;*** **[Em. 52]**

(iii) ~~tiżdied l-integrazzjoni~~ ***tiġi promossa l-inklużjoni*** soċjoekonomika ta' komunitajiet ~~marġinalizzati, migranti~~ ***emarġinati u komunitajiet fil-bżonn bħar-Rom*** u gruppi żvantaġġati, permezz ta' ~~miżuri~~ ***azzjonijiet*** integrati li jinkludu ~~akkomodazzjoni~~ ***s-settur tal-abitazzjoni*** u servizzi soċjali; **[Em. 53]**

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

***(iiia) tiġi promossa l-integrazzjoni soċjoekonomika fit-tul tar-rifuġjati u l-migranti taħt protezzjoni internazzjonali permezz ta' azzjonijiet integrati inklużi s-settur tal-abitazzjoni u s-servizzi soċjali billi jiġi pprovdut appoġġ għall-infrastruttura għall-bliet u l-awtoritajiet lokali involuti;*** **[Em. 54]**

(iv) jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura ***tal-kura tas-saħħa u assi oħra***, inkluża ~~kura~~ ***l-kura*** primarja ***u miżuri preventivi u l-avvanz tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-familja u bbażata fil-komunità***; **[Em. 55]**

***(iva) jingħata appoġġ għar-riġenerazzjoni fiżika, ekonomika u soċjali ta' komunitajiet fil-bżonn;*** **[Em. 56]**

(e) "Ewropa eqreb taċ-ċittadini billi trawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp integrat ta' żoni urbani~~, rurali u kostali~~ ***u ż-żoni l-oħrajn kollha*** permezz ta' inizjattivi lokali" ("PO 5") permezz: **[Em. 57]**

(i) tat-trawwim tal-iżvilupp integrat ***u inklużiv*** soċjali, ~~ekonomika~~ ***ekonomiku*** u ambjentali, il-wirt kulturali u ***naturali, it-turiżmu sostenibbli wkoll permezz tad-distretti turistiċi, l-isport u*** s-sigurtà fiż-żoni urbani***, inklużi ż-żoni urbani funzjonali***; **[Em. 58]**

(ii) trawwim ***integrat u inklużiv ta' żvilupp*** soċjali, ekonomiku u ambjentali ~~integrat ta' żvilupp lokali, il-wirt kulturali~~***, tal-kultura, il-wirt naturali***, ***it-turiżmu sostenibbli wkoll permezz tad-distretti turistiċi, l-isport*** u s-sigurtà, ~~inkluż għal żoni~~ ***ilkoll fil-livell lokali, reġjuni*** rurali***, muntanjużi, insulari*** u kostali, ~~kif~~ ***żoni iżolati u b'popolazzjoni baxxa u ż-żoni l-oħrajn kollha li għandhom diffikultà ta' aċċess għas-servizzi bażiċi inkluż*** ukoll ***fil-livell NUTS 3,*** permezz ta' ***strateġiji ta'*** żvilupp ***territorjali u*** lokali ~~mmexxi mill-komunità~~***, permezz tal-formoli indikati fl-Artikolu 22, punti (a) (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid]***. **[Em. 59]**

***1a. It-titjib tal-mobbiltà urbana multimodali fuq skala żgħira kif imsemmi fil-punt b (viia) ta' dan l-Artikolu, li għandha titqies bħala eliġibbli għall-appoġġ jekk il-kontribuzzjoni tal-FEŻR għall-operazzjoni ma għandhiex taqbeż l-EUR 10 000 000.*** **[Em. 60]**

2. Il-Fond ta' Koeżjoni għandu jsostni PO 2 u għanijiet speċifiċi taħt PO 3 stabbiliti fil-punti (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu 1 (c).

3. Fir-rigward ***tal-kisba*** tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni~~, kif xieraq, jista'~~ ***jistgħu*** wkoll ~~jappoġġa l-attivitajiet taħt l-għan ta' Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, fejn jew~~: **[Em. 61]**

(a) itejbu l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-programm, u ~~korpi~~ ***l-korpi*** marbuta mal-implimentazzjoni tal-Fondi ***, u jappoġġaw l-awtoritajiet pubbliċi, l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni, permezz ta' pjanijiet ta' bini ta' kapaċità amministrattivi speċifiċi mmirati lejn il-lokalizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u t-tnaqqis fil-ħin tal-implimentazzjoni għall-azzjonijiet, dment li dawn ikunu ta' natura strutturali u l-programm innifsu jkollu objettivi li jistgħu jitkejlu***; **[Em. 62]**

(b) isaħħu l-kooperazzjoni mal-imsieħba ġewwa u barra minn Stat Membru speċifiku.

***L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità, imsemmi fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu, jista' jiġi komplementat b'appoġġ addizzjonali mill-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma stabbilit skont ir-regolament UE (2018/xxx (Programm ta' Appoġġ għar-Riforma);*** **[Em. 63]**

Il-kooperazzjoni msemmija fil-punt (b) għandha tinkludi l-kooperazzjoni ma' ~~msieħba~~ ***sħab*** minn reġjuni ~~transkonfinali~~ ***transfruntiera***, minn reġjuni mhux kontigwi jew minn reġjuni li jinsabu fit-territorju kopert minn ***Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali,*** strateġija makroreġjonali jew tal-baċini tal-baħar jew ~~kombinazzjoni~~ ***kombinament*** tagħhom. **[Em. 64]**

***Parteċipazzjoni sinifikanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inklużi l-benefiċjarji fl-istadji kollha tat-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Programmi taħt il-FEŻR għandhom jiġu żgurati f'konformità mal-prinċipji, stabbiliti fil-Kodiċi tal-Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija.*** **[Em. 65]**

## Artikolu 3

## Il-konċentrazzjoni tematika tal-appoġġ tal-FEŻR

1. Fir-rigward ta' programmi implimentati taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, it-total tar-riżorsi tal-FEŻR f'kull Stat Membru għandhom ikunu kkonċentrati fuq livell nazzjonali skont il-paragrafi 3 u 4.

2. Fir-rigward tal-konċentrazzjoni tematika ta' appoġġ għall-Istati Membri li jinkludu reġjuni ultraperiferiċi, ir-riżorsi tal-FEŻR allokati speċifikament għal programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi u dawk allokati għar-reġjuni l-oħra kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod separat.

3. ~~L-Istati Membri~~ ***Ir-Reġjuni fil-livell NUTS 2*** għandhom ikunu klassifikati, f'termini ~~ta' proporzjon tad-dħul nazzjonali gross~~ ***tal-prodott domestiku gross ("PDG") per capita*** tagħhom, kif ġej: **[Em. 66]**

(a) dawk ~~b'introjtu nazzjonali gross ugwali għal jew~~ ***b'PDG per capita*** ogħla minn 100 % tal-medja ~~tal-UE~~ ***tal-PDG tal-UE-27*** ("grupp 1"); **[Em. 67]**

(b) dawk ~~b'introjtu nazzjonali gross ugwali għal jew ogħla minn~~ ***b'PDG per capita bejn*** 75 % u ~~inqas minn~~ 100 % tal-medja ~~tal-UE~~ ***tal-PDG tal-UE-27*** ("grupp 2"); **[Em. 68]**

(c) dawk ~~b'introjtu nazzjonali gross anqas~~ ***b'PDG per capita inqas*** minn 75 % tal-medja ~~tal-UE~~ ***tal-PDG tal-UE-27*** ("grupp 3"); **[Em. 69]**

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ~~il-proporzjon tad-dħul gross nazzjonali tfisser il-proporzjon~~ ***il-klassifikazzjoni ta' reġjun f'waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni għandha tiġi determinata fuq il-bażi tal-proporzjon*** bejn ~~id-dħul gross nazzjonali~~ ***il-prodott domestiku gross*** per capita ~~tal-Istat Membru~~ ***ta' kull reġjun***, imkejjel ~~permezz tal-istandards tal-poter~~ ***skont l-istandards tal-kapaċità*** tal-akkwist ***(PPS)*** u kkalkolat fuq il-bażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu mill-~~2016~~ ***2014*** sal-2016, u ~~l-medja tad-dħul nazzjonali gross per capita skont l-istandards tal-poter tal-akkwist ta' 27 Stati Membri~~ ***fuq il-medja tal-PDG tal-UE-***27 għal dak l-istess perjodu ta' referenza. **[Em. 70]**

Fir-rigward tal-programmi taħt il-mira tal-Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, huma għandhom jiġu kklassifikati bħala li jaqgħu taħt il-grupp 3.

4. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika li ġejjin:

(a) ~~L-Istati Membri tal-grupp 1 għandhom jallokaw mill-inqas 85 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom taħt prijoritajiet għajr għal assistenza teknika għal PO 1 u PO 2 u mill-inqas 60 % għal PO 1;~~***Għall-kategorija tar-reġjuni l-aktar żviluppati ("grupp 1") huma għandhom jallokaw;*** [Em. 71]

***(i) mill-inqas 50 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR fil-livell nazzjonali lill-PO 1; kif ukoll*** [Em. 72]

***(ii) mill-inqas 30 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR fil-livell nazzjonali lill-PO 2.*** [Em. 73]

(b) ~~L-Istati Membri tal-grupp 2 għandhom jallokaw mill-inqas 45 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom taħt prijoritajiet għajr għal assistenza teknika għal PO 1 u mill-inqas 30 % għal PO 2;~~***Għall-kategorija tar-reġjuni fi tranżizzjoni ("grupp 2") huma għandhom jallokaw:*** [Em. 74]

***i) mill-inqas 40 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR fil-livell nazzjonali lill-PO 1 u;*** [Em. 75]

***ii) mill-inqas 30 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR fil-livell nazzjonali lill-PO 2.*** [Em. 76]

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

(c) ~~L-Istati Membri tal-grupp 3 għandhom jallokaw mill-inqas 35 % mit-total tar-riżorsi tal-FEŻR tagħhom taħt prijoritajiet għajr għal assistenza teknika għal PO 1 u mill-inqas 30 % għal PO 2.~~***Għall-kategorija tar-reġjuni l-inqas żviluppati ("grupp 3") huma għandhom jallokaw:*** **[Em. 77]**

(***i***) ***mill-inqas 30 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR fil-livell nazzjonali lill-PO 1 u*** **[Em. 78]**

***(ii) mill-inqas 30 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR fil-livell nazzjonali lill-PO 2.*** **[Em. 79]**

***4a. F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob li l-livell ta' konċentrazzjoni għar-riżorsi fil-livell tal-kategorija reġjonali jitnaqqas b'mhux aktar minn 5 punti perċentwali, jew 10 punti perċentwali fil-każijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, għall-objettiv tematiku determinat f'konformità mal-Artikolu 3(4)(a)(i), l-Artikolu 3(4)(b)(i) u l-Artikolu 3(4)(c)(i) [il-FEŻR–Fond ta' Koeżjoni ġdid].*** **[Em. 80]**

5. Ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika stipulati fil-paragrafu 4 għandhom jiġu segwiti matul il-perjodu kollu ta' programmar, inkluż meta jiġu trasferiti bejn l-allokazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta' programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu f'konformità mal-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].

6. ~~Fejn~~ ***Meta*** l-allokazzjoni tal-FEŻR ~~fir-rigward ta' PO~~ ***li tikkonċerna lill-PO*** 1 jew ~~PO~~ ***lill-PO*** 2, ~~jew it-tnejn, ta'~~ ***l-objettivi ta' politika prinċipali, jew iż-żewġ objettivi magħżula għal*** programm partikolari hija mnaqqsa wara diżimpenn skont l-Artikolu [99] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid], jew minħabba korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni ~~skont l-Artikolu~~ ***f'konformità mal-Artikolu*** [98] ta' dan ir-Regolament, il-konformità mar-rekwiżit ta' konċentrazzjoni tematika stabbiliti fil-paragrafu 4 ma għandhomx jiġu vvalutati mill-ġdid. **[Em. 81]**

Artikolu 4

Kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ mill-FEŻR

1. Il-FEŻR għandu jappoġġa dawn li ġejjin:

(a) investimenti fl-infrastruttura;

***(aa) investimenti fir-riċerka, żvilupp u innovazzjoni (R&D&I);*** **[Em. 83 u 191/rev]**

(b) investimenti fl-aċċess għas-servizzi;

(c) investimenti produttivi ***u investimenti li jgħinu biex jiġu salvagwardjati l-impjiegi eżistenti u jinħolqu impjiegi ġodda*** fl-SMEs ***u kwalunkwe appoġġ fl-SMEs fil-forma ta' għotjiet u strumenti finanzjarji***; **[Em. 84 u 192/rev]**

(d) tagħmir, softwer u assi intanġibbli;

(e) informazzjoni, komunikazzjoni, studji, netwerking, kooperazzjoni, skambju ta' esperjenza u attivitajiet li jinvolvu gruppi;

(f) assistenza teknika.

Barra minn hekk, l-investimenti produttivi f'intrapriżi li mhumiex SMEs jistgħu jiġu appoġġati meta dawn ikunu jinvolvu kooperazzjoni ma' SMEs ~~f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati taħt il-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1)~~***jew infrastruttura tan-negozju ta' benefiċċju għall-SMEs***.

***Barra minn hekk, investimenti produttivi f'intrapriżi apparti l-SMEs jistgħu jiġu appoġġati wkoll f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati taħt il-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1) u f'attivitajiet ta' effiċjenza enerġetika u ta' enerġija rinnovabbli taħt il-punti (b)(i) u (ii) tal-Artikolu 2(1) rispettivament, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 59(1) u l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) …/…[is-CPR il-ġdid].*** **[Em. 193/rev]**

**L-Erbgħa 27 ta’ Marzu 2019**

Sabiex jikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku taħt PO 1 stabbilit fil-punt (a) (iv) tal-Artikolu 2(1), il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll it-taħriġ, ***il-mentoraġġ,*** it-tagħlim tul il-ħajja***, it-taħriġ mill-ġdid*** u ~~attivitajiet~~ ***l-attivitajiet*** edukattivi. **[Em. 87u 194/rev]**

2. Taħt l-għan ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), il-FEŻR jista’ jappoġġa wkoll:

(a) kondiviżjoni tal-faċilitajiet u tar-riżorsi umani;

(b) investimenti moderati ta’ akkumpanjament u attivitajiet oħra marbuta ma’ OP 4 taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus kif stipulat fir-Regolament (UE) 2018/xxxx [ESF+ il-ġdid].

Artikolu 5

Kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ mill-Fond ta’ Koeżjoni

1. Il-Fond ta’ Koeżjoni għandu jappoġġa dawn li ġejjin:

(a) investimenti fl-ambjent, li jinkludu investimenti relatati ***mal-ekonomija ċirkolari,*** mal-iżvilupp sostenibbli u ~~l-enerġija~~ ***mal-enerġija rinnovabbli*** li jippreżentaw benefiċċji ambjentali; **[Em. 88]**

(b) investimenti ~~f’TEN-T~~ ***fin-netwerk ewlieni u komprensiv tat-TEN-T***; **[Em. 89]**

(c) assistenza teknika***, inkluż it-titjib u l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi amministrattivi tal-awtoritajiet lokali fil-ġestjoni ta’ dawn il-fondi***. **[Em. 90]**

***(ca) informazzjoni, komunikazzjoni, studji, netwerking, kooperazzjoni, skambju ta’ esperjenza u attivitajiet li jinvolvu gruppi;*** **[Em. 91]**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw bilanċ xieraq bejn l-investimenti taħt il-punti (a) u (b) ***fuq il-bażi tal-investimenti u tar-rekwiżiti speċifiċi ta’ kull Stat Membru***. **[Em. 92]**

2. L-ammont tal-Fond ta’ Koeżjoni trasferit lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ([12]) għandu ***jkun proporzjonat u għandu*** jintuża għal proġetti tat-TEN-T. **[Em. 93]**

Artikolu 6

L-esklużjoni mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-FEŻR u l-Fond ta’ Koeżjoni

1. Il-FEŻR u l-Fond ta’ Koeżjoni ma għandhomx jappoġġaw:

(a) id-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija nukleari;

(b) l-investiment għall-kisba ta’ tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]);

(c) il-manifattura, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ tabakk u prodotti tat-tabakk;

(d) awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 ([14]);

(e) investiment ***f’ajruport reġjonali ġdid u*** fl-infrastruttura tal-ajruporti ~~minbarra għar-reġjuni l-iktar imbiegħda;~~***, ħlief għal:*** **[Em. 94]**

---

([12]) Referenza

([13]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra fil-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE.

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

***(ea) investiment relatat mar-reġjuni ultraperiferiċi;*** **[Em. 95]**

***(eb) appoġġ marbut man-netwerks ewlenin tat-TEN-T;*** **[Em. 96]**

***(ec) investiment relatat mal-ħarsien ambjentali jew immirat sabiex jittaffa jew jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tiegħu.*** **[Em. 97]**

(f) l-investiment f'rimi ta' skart ~~f'landfill~~***f'miżbliet, ħlief fir-reġjuni ultraperiferiċi u għall-appoġġ tad-dekummissjonar, il-konverżjoni jew is-sigurtà ta' installazzjonijiet eżistenti u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2008/98 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([15]); **[Em. 98]**

(g) ~~l-investimenti~~ ***investiment*** f'faċilitajiet għat-trattament tal-iskart ~~residwali~~ ***residwu bl-eċċezzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi u fil-każ ta' soluzzjonijiet ta' riċiklaġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u l-ġerarkija tal-iskart filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-miri stipulati fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2008/98 u dment li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew il-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-iskart tagħhom skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/851. L-iskart residwu jrid jinftiehem bħala primarjament skart muniċipali mhux miġbur b'mod separat u rifjuti mit-trattament tal-iskart***; **[Em. 99]**

(h) l-investimenti marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar, ***it-trasport,*** id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili, bl-eċċezzjoni ta' investiment ~~relatat ma' vetturi nodfa kif iddefiniti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16])~~; **[Em. 100]**

~~(i) l-investiment fl-infrastruttura tal-broadband f'żoni fejn hemm mill-inqas żewġ netwerks tal-broadband ta' kategorija ekwivalenti;~~ **[Em. 102]**

~~(j) finanzjament għax-xiri tal-vetturi ferrovjarji għall-użu fit-trasport ferrovjarju, ħlief jekk dan huwa marbut:~~

~~(i) rilaxx tal-obbligu tas-servizz pubbliku maħruġ għall-offerti pubbliċi taħt ir-Regolament 1370/2007 kif emendat;~~

~~(ii) il-provvista ta' servizzi tat-trasport bil-ferrovija fuq linji li nfetħu għall-kompetizzjoni, u l-benefiċjarju jkun membru ġdid eliġibbli għal finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2018/xxxx [Ir-Regolament Investi tal-UE].~~ **[Em. 103 u 245]**

***(ja) investimenti fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' kura istituzzjonali li jissegregaw jew ifixklu l-għażla u l-indipendenza personali;*** **[Em. 104]**

***1a. L-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu h għandhom ikunu limitati għal ammont sa 1 % tar-riżorsi totali tal-FEŻR-FK fil-livell nazzjonali.*** **[Em. 101]**

2. Barra dan, il-Fond ta' Koeżjoni ma għandux jappoġġa investiment ~~f'akkomodazzjoni~~ ***fis-settur tal-abitazzjoni*** sakemm dan ma jkunx relatat mal-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu ***tar-riżorsi u*** tal-enerġija jew l-użu ta' enerġija rinnovabbli ***u mal-kundizzjonijiet ta' għajxien aċċessibbli għal persuni anzjani u persuni b'diżabbiltajiet u adattament sismiku***. **[Em. 105]**

***([15]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).***

~~([16]) Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).~~

**L-Erbgħa 27 ta’ Marzu 2019**

3. Pajjiżi u territorji barranin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-FEŻR jew mill-Fond ta’ Koeżjoni, iżda jistgħu jieħdu sehem fil-programmi Interreg f’konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2018/xxxx [ETC (Interreg].

### ***Artikolu 6a***

### ***Sħubija***

***Kull Stat Membru għandu jiżgura l-parteċipazzjoni sinifikanti u inklużiva tas-sħab soċjali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-utenti tas-servizzi fil-ġestjoni, il-programmazzjoni, it-twettiq, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet u l-politiki appoġġati mill-FEŻR u mill-Fond ta’ Koeżjoni taħt ġestjoni kondiviża, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament propost dwar is-CPR “Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014”.*** **[Em. 106]**

### Artikolu 7

### Indikaturi

1. Indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati, kif stabbilit ***u definit*** fl-Anness I fir-rigward tal-FEŻR u l-Fond ta’ Koeżjoni, u, ~~fejn meħtieġ~~ ***meta jkun rilevanti***, l-indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati speċifiċi għall-programmi għandhom jintużaw skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu [12(1)], il-punt (d)(ii) tal-Artikolu [17(3)] u l-punt (b) tal-Artikolu [37(2)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [~~CPR~~***is-CPR*** il-ġdid]. **[Em. 107]**

2. Għall-indikaturi tar-rendiment, il-linji bażi għandhom ikunu stabbiliti għal żero. It-tragwardji stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi.

3. F’konformità mar-rekwiżit ta’ rappurtar tagħha skont l-Artikolu [38(3)(e)(i)] tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni dwar il-prestazzjoni f’konformità mal-Anness II.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 13 biex temenda l-Anness I sabiex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fil-lista ta’ indikaturi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri u biex temenda l-Anness II sabiex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fl-informazzjoni dwar il-prestazzjoni li għandha tingħata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***4a. L-Istati Membri jistgħu, f’każ debitament ġustifikat, jagħmlu talba għal aktar flessibbiltà fil-qafas kurrenti tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir għan-nefqa pubblika jew strutturali ekwivalenti, appoġġata mill-amministrazzjoni pubblika permezz tal-kofinanzjament ta’ investimenti bħala parti mill-FEŻR u l-FK. Meta jkun qed jiġi definit l-aġġustament fiskali jew taħt il-parti preventiva jew taħt il-parti korrettiva tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, il-Kummissjoni għandha tivvaluta bir-reqqa din it-talba b’mod li jirrifletti l-importanza strateġika tal-investimenti kofinanzjati mill-FEŻR u mill-FK.*** **[Em. 108]**

## KAPITOLU II

## Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-trattament ta’ karatterisitiċi territorjali speċjali

### Artikolu 8

### Żvilupp territorjali integrat

1. Il-FEŻR ~~jista’~~ ***għandu*** jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] skont il-Kapitolu II tat-Titolu III ta’ dan ir-Regolament [is-CPR il-ġdid]. **[Em. 109]**

***1a. Mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FEŻR disponibbli fuq livell nazzjonali taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, ħlief għall-assistenza teknika, għandhom jiġu allokati għal żvilupp territorjali integrat, f’żoni mhux urbani li għandhom żvantaġġi naturali, ġeografiċi jew demografiċi jew li għandhom diffikultà biex jaċċedu għas-servizzi bażiċi. Minn dan l-ammont, mill-inqas 17,5 % għandhom jiġu allokati lil żoni u lil komunitajiet rurali filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta’ Patt dwar l-Irħula Intelliġenti biex jiġu żviluppati proġetti bħal irħula intelliġenti.*** **[Em. 110]**

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iżvilupp territorjali integrat, ~~appoġġat mill-FEŻR, esklussivament~~ ***permezz ta’ assi jew programm speċifiku jew*** permezz ~~tal-formoli msemmija~~ ***ta’ forom oħrajn imsemmija*** fl-Artikolu [22] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid]***, u jistgħu jibbenefikaw minn approċċ plurifond u integrat taħt il-FEŻR, l-FSE+, il-FEMS u l-FAEŻR***. **[Em. 111]**

Artikolu 9

Żvilupp urban sostenibbli

1. ~~Il-FEŻR~~ ***Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi, demografiċi u soċjali, il-FEŻR*** għandu jappoġġa l-iżvilupp territorjali integrat ibbażat fuq strateġiji territorjali f’konformità mal-Artikolu [23] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid] ~~iffokat~~***, li jistgħu anki jibbenefikaw minn approċċ plurifond u integrat li jinvolvi l-FEŻR u l-FSE+, u ffokat*** fuq ~~żoni~~ ***iż-żoni*** urbani ***funzjonali*** (“żvilupp urban sostenibbli”) fi programmi taħt iż-żewġ għanijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) ta’ dak ir-Regolament. **[Em. 112]**

2. Mill-inqas ~~6~~ ***10*** % tar-riżorsi tal-FEŻR fuq livell nazzjonali taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi, ħlief għall-assistenza teknika, għandhom jiġu allokati għal żvilupp urban sostenibbli permezz ta’ ***programm speċifiku, ta’ assi prijoritarju speċifiku, ta’*** żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, investimenti territorjali integrati jew għodda territorjali oħra***, kif definit fl-Artikolu 22(c) tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid]. L-“awtoritajiet urbani” imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 2018/XXXX [is-CPR il-ġdid] għandhom jingħataw is-setgħa li jagħżlu l-miżuri u l-proġetti involuti. L-operazzjonijiet imwettqa fl-ambitu ta’ PO differenti mill-PO 5 jistgħu, jekk ikunu konsistenti, jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-limitu minimu ta’ 10 % għall-iżvilupp urban sostenibbli. Investimenti magħmula*** taħt l-għażla PO 5 ***(i) iridu jgħoddu bħala li jikkontribwixxu għall-allokazzjoni ta’ 10 %, kif ukoll għal operazzjonijiet imwettqa taħt PO oħrajn, jekk ikunu konsistenti mal-iżvilupp urban sostenibbli***. **[Em. 113]**

Il-programm jew il-programmi kkonċernati għandhom jistabbilixxu l-ammonti ppjanati għal dan il-għan taħt il-punt (d) (vii) tal-Artikolu [17(3)] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].

3. Il-perċentwal allokat għall-iżvilupp urban sostenibbli taħt il-paragrafu 2 għandu jiġi segwit matul il-perjodu kollu ta’ programmar, meta jiġu trasferiti bejn l-allokazzjonijiet tal-FEŻR tal-prijoritajiet ta’ programm jew bejn il-programmi u fir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu f’konformità mal-Artikolu [14] tar-Regolament (UE) 2018/xxxx [is-CPR il-ġdid].

4. Fejn l-allokazzjoni tal-FEŻR hija mnaqqsa wara diżimpenn skont l-Artikolu [99] tar-Regolament (UE) Nru [is-CPR il-ġdid], jew minħabba korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni skont l-Artikolu [98] ta’ dak ir-Regolament, il-konformità mal-paragrafu 2 ma għandhiex tiġi vvalutata mill-ġdid.

Artikolu 10

Inizjattiva Urbana Ewropea

1. Il-FEŻR għandu jappoġġa wkoll l-Inizjattiva Urbana Ewropea, implimentata mill-Kummissjoni f’ġestjoni diretta u indiretta.

Din l-inizjattiva għandha tkopri ż-żoni urbani ***funzjonali*** kollha u għandha ~~l-appoġġ~~ ***l-ishubijiet u l-kostijiet organizzattivi*** tal-Aġenda Urbana tal-Unjoni. ***L-awtoritajiet lokali jridu jiġu involuti b’mod attiv fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Urbana Ewropea.*** **[Em. 114]**

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

2. L-Inizjattiva Urbana Ewropea għandha tikkonsisti f'dawn it-tliet oqsma li ġejjin, ilkoll fir-rigward tal-iżvilupp urban sostenibbli:

(a) appoġġ għall-bini ta' kapaċità***, inklużi azzjonijiet ta' skambju għar-rappreżentanti reġjonali u lokali fil-livell sottonazzjonali***; **[Em. 115]**

(b) appoġġ għal azzjonijiet innovattivi ***li jistgħu jirċievu kofinanzjament addizzjonali għar-Regolament (UE) 2018/xxx (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) u jiġu pprovduti b'mod konġunt man-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali b'mod partikolari fir-rigward ta' konnessjonijiet rurali u urbani u proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' żoni urbani u urbani funzjonali***; **[Em. 116]**

(c) appoġġ għall-għarfien, ***il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali,*** l-iżvilupp ta' politika u l-komunikazzjoni. **[Em. 117]**

Meta ssir talba minn Stat Membru wieħed jew iktar minn wieħed, l-Inizjattiva Urbana Ewropea tista' tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni intergovernattiva fuq kwistjonijiet urbani ***bħalma huma l-qafas ta' referenza dwar bliet sostenibbli, l-aġenda territorjali tal-Unjoni Ewropea u l-aġġustament tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għaċ-ċirkostanzi fil-livell lokali***. **[Em. 118]**

***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-iżviluppi b'rabta mal-Inizjattiva Urbana Ewropea.*** **[Em. 119]**

***Artikolu 10a***

***Żoni li jiffaċċaw żvantaġġi u sfidi naturali jew demografiċi***

***Fil-programmi li huma kofinanzjati mill-FEŻR, li jkopru żoni bi żvantaġġi u sfidi gravi u permanenti, naturali jew demografiċi, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 174 TFUE, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-indirizzar tal-isfidi speċifiċi ffaċċjati minn dawk iż-żoni.***

***B'mod partikolari, iż-żoni jew raggruppamenti ta' unitajiet amministrattivi lokali (LAUs) tal-livell 3 NUTS b'densità ta' popolazzjoni ta' inqas minn 12,5-il abitant għal kull $km^2$ għal żoni b'popolazzjoni baxxa jew inqas minn 8 abitanti għal kull $km^2$ għal żoni b'popolazzjoni baxxa ħafna, jew bi tnaqqis medju tal-popolazzjoni ta' aktar minn 1 % bejn l-2007 u l-2017 għandhom ikunu soġġetti għal pjanijiet reġjonali u nazzjonali speċifiċi biex tissaħħaħ l-attraenza, jiżdied l-investiment fin-negozju u tingħata spinta lill-aċċessibbiltà tas-servizzi diġitali u pubbliċi, inkluż fond fil-ftehim ta' kooperazzjoni. Finanzjament dedikat jista' jiġi allokat fil-Ftehim ta' Sħubija.*** **[Em. 120]**

Artikolu 11

Ir-reġjuni l-iktar imbiegħda

1. ~~L-allokazzjoni~~ ***L-Artikolu 3 ma għandux japplika għall-allokazzjoni*** addizzjonali speċifika għar-reġjuni ~~l-aktar imbiegħda~~ ***ultraperiferiċi. Din l-allokazzjoni addizzjonali speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi*** għandha tintuża sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba f'dawn ir-reġjuni bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-Artikolu 349 TFUE. **[Em. 121]**

2. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tappoġġa:

(a) l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 4;

(b) permezz ta' deroga mill-Artikolu 4, miżuri li jkopru l-ispejjeż operattivi bil-għan li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala riżultat tar-restrizzjoni/jiet permanenti għall-iżvilupp tagħhom elenkati fl-Artikolu 349 TFUE.

L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tappoġġa wkoll in-nefqa li tkopri kumpens mogħti għall-provvediment ta' obbligu ta' servizz pubbliku u kuntratti fir-reġjuni ultraperiferiċi.

**L-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019**

3. L-allokazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tappoġġa:

(a) operazzjonijiet li jinvolvu l-prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE;

(b) għajnuna għat-trasport ta' persuni awtorizzati taħt il-punt (a) tal-Artikolu 107(2) TFUE;

(c) eżenzjonijiet mit-taxxa u eżenzjonijiet minn ħlasijiet soċjali.

(d) obbligi ta' servizz pubbliku mhux rilaxxati minn impriżi u fejn l-Istat jaġixxi billi jeżerċita setgħa pubblika.

***3a. B'deroga mill-Artikolu 4(1), il-FEŻR jista' jappoġġa l-investiment produttiv fl-impriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi, irrispettivament mid-daqs tagħhom.*** **[Em. 122]**

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet tranżitorji

